**Gelgul**

Esperjenza wara l-oħra
U l-borma dejjem timtela',
Lil min taqbad tagħti tort?
Il-kotra qisha mġenna?

U min irid xirka dal-mod
U min iridha mod ieħor,
Min irid kollox f'postu
U min moħħu x'se jiekol?

Min ra xaqq dawl ħalli jaħtaf
Forsi fl-aħħar ikun setgħan,
Min moħħu biex jinħeba
Xi jridu l-inkwiet, ferħan!

Ma nafx imma ġeġwiġija
Qed nara ma wiċċi dal-ħin,
Kollox nieżel għax mibni
Bil-għaġla. Tgħid dan destin?

U fejn tidħol il-Ħamiema
Biex tagħha tagħmel l-istorja?
Se tibqa' barra tgemgem
Tħallihom ġol-uforja?

Mulej, Mulej, inżel naqra
Itawwal ftit, tassew m'aħniex,
Kbira dil-konfużjoni
Għal ġol-ħajt dan ma ħlomniex.

U mis-sema nstemgħet daħka
Li reżħet waħda lil kulħadd,
Alla daħak id-daħka
Qawwija aktar mir-ragħad.

Kienet daħka wisq sabiħa
Li għandha timla' l-vojt tal-ħluq,
Alla lest għal sorpriża
Tal-imħabba bil-gelgul.

Patri Mario Attard OFM Cap
24 ta' April 2025

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.